MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 97/2006

**Giuseppa Maria Pisani (karta ta' identita numru31042G)
u żewġha Nazzareno Pisani, Carmelo Micallef (karta ta'
identita numru 55240G) u martu Josephine Micallef,
Carmen Dingli (karta ta' identita numru 499563M) in rappresentanza
tal-assenti Francis Grech u John Grech u l-Dr. Philip Manduca
bħala prokuratur tal-assenti Francis Saviour Micallef,
u Ewtakia Gatt, l-irġiel u n-nisa tal-eredi qegħdin jidhru
għal kull interss li jista jkollhom**

**vs**

**Joseph Micallef (karta ta' identita numru 53732G) u
martu Lina Micallef, Anton Micallef (karta ta' identita**

**numru 74738G) u martu Giorgia Micallef, Michelangelo Micallef u martu Margaret Micallef, John Micallef (karta ta' identita 98547G) u martu Annie Micallef, Caterina u Emanuel miżżewwġin Grima u Joseph Micallef li b'digriet tas-17 ta' Novembru 2006 ġie nominat bħala kuratut deputat għal assenti Anastasia Saliba u Joseph Micallef li b'digriet tas-17 ta' Novembru 2006 ġie nominat bħala kuratur deputat għal assenti Catherine Patterson u Joseph Micallef li b'digriet tas-17 ta' Novembru 2006 ġie nominat bħala kuratur deputat biex jirrapreżenta l-erediita ġjaċenti ta' Michele Grech,**
**l-irġiel u n-nisa tal-eredi qegħdin jidhru għal kull interss**
**li jista jkollhom**

**Illum l-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

1. Illi z-zija tal-partijiet minn naħa materna, Suor Maria Rosa Grech, mietet intestata fil-15 ta' Ottobru 1984 – Dok. P1. Għalhekk wirtuha *ex lege* – ħutha s-superstiti Francesca Grech, Giuseppe Grech, Francesco Saverio Grech u Michele Grech in kwantu għal kwint (1/5) kull wieħed. Barra dawn wirtuha wkoll it-tfal ta' oħtha premorta Angiolina Micallef, u ċioe' John Micallef, Guiseppa Maria mart Nazzarenu Pisani, Saverio Micallef, Joseph Micallef, Anton Micallef, Michelangelo Micallef, Caterina mart Emmanuele Grima, Carmelo Micallef u Anastasia mart Frank Saliba in kwantu għal wieħed minn disgġa ta' kwint (1/9 ta' 1/5) , kull wieħed u waħda minnhom.

2. Illi sussegwentement miet ħuwha Michele Grech, intestat, fis-26 ta' Awwissu 1991, liema eredita għadha ġjaċenti.

3. Illi fis-16 ta’ Novembru 1993 miet ħuwha Giuseppe Grech u b’testament ħalla l-proprjeta tiegħu lill-attriċi Giuseppa Maria Pisani u lil Krispinu Gatt f’partijiet ugwali.

4. Illi fil-24 ta’ Awissu 1997 miet Francesco Saverio Grech u b’testment ħalla eredi lit-tfal tiegħu Francis u John aħwa Grech – assenti minn Malta u li għalihom qed tidher Carmen mart Michael Dingli.

5. Illi fil-6 ta’ Marzu 2006 mietet Francesca Gatt nee Grech, u b’testment ħalliet eredi lit-tifla tagħha Catherine Patterson, assenti minn Malta.

6. Illi għalhekk jirriżulta illi l-eredita ta’ Suor Maria Rosa Grech għandha tiġi diviża inkwantu għal kwint kull wieħed fir-rigward ta’ l-eredi ta’ Francesca Gatt nee Grech, l-eredi ta’ Giuseppe Grech, l-eredi ta’ Francesco Saverio Grech u l-eredi ta’ Michele Grech u inkwantu għal wieħed minn disgħa ta’ kwint (1/9 ta’ 1/5) fir-rigward ta’ Giuseppe Maria Pisani, Carmelo Micallef, Francis Saviour Micellef, Joseph Micallef, John Micallef, Anton Micallef, Michelangelo Micallef, Caterina mart Emanuel Grima, u Anastasia mart Frank Saliba kull wieħed u waħda minnhom;

7. Illi mid-denunzja ta’ Suor Maria Rosa jirriżulta illi hija kienet tipposjedi a) biċċa raba magħrufa bħala “Tal-Ġebel” f’Kerċem ta’ ċirca ħames mija tnejn u sittin (562) metri kwadri; b) biċċa raba magħrufa bħala “Ta’ Taljana” f’Kerċem ta’ tlett mija erbgħa u sebgħin (374) metri kwadri; ċ) biċċa raba magħrufa bħala “Ta’Ħġieġa” f’Kerċem ta’ ħames mija sebgħa u għoxrin (527) metri kwadri; d) xi raba fi Xlendi ta’ erbgħa u tletin punt wieħed u tletin (34.31) metri kwadri; e) kwart (1/4) dirett dominju ta’ għalqa magħrufa bħala “Ta’ Nawrata”, l-Għarb u f) biċċa raba magħrufa bħala “Ta’ Xkora” tal-kejl ta’ siegħ u sitt kejliet, f’Victoria Għawdex.

8. Illi dawn il-biċċiet ta’ raba m’huwiex komodament diviżżibli bejn il-ko-proprjetarji, l-partijiet f’din

il-kawża, billi dawn għandhom il-frazzjonijiet u l-porzjonijiet indikati fil-paragrafu sitta;

9. Illi l-atturi ma jridux li jibqgħu fl-istat ta’ ko-proprjeta msl-konvenuti u għalhekk qed tipproponi din il-kawza.

Bl-ispejjez.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tordna il-liċitazzjoni tal-fond a) biċċa raba magħrufa bħala “Tal-Ġebel” f’Kerċem ta’ ċirca ħames mija tnejn u sittin (562) metri kwadri; b) biċċa raba magħrufa bħala biċċa raba magħrufa bħala “Ta’ Taljana” f’Kerċem ta’ tlett mija erbgħa u sebgħin (374) metri kwadri; ċ) biċċa raba magħrufa bħala “Ta’Ħġieġa” f’Kerċem ta’ ħames mija sebgħa u għoxrin (527) metri kwadri; d) xi raba fi Xlendi ta’ erbgħa u tletin punt wieħed u tletin (34.31) metri kwadri; e) kwart (1/4) dirett dominju ta’ għalqa magħrufa bħala “Ta’ Nawrata” , l-Għarb u f) biċċa raba magħrufa bħala “Ta’ Xkora” tal-kejl ta’ siegħ u sitt kejliet, f’Victoria Għawdex, u għal dan l-iskop tinnomina perit arkitett biex jagħmel l-istima opportuna; tammetti oblaturi barranin, u r-rikavat, wara li jiġu prelevati l-ispejjeż, jiġi konsegwit mill-kontendenti fil-proporzjoni tal-kwoti rispettivi tagħhom.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi huma ma għandhom ebda oġġezzjoni għal likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji in kwistjoni salv li jigi verifikat sew il-konsistenza tal-assi.

2. Illi bla preġudizzju għal premess l-art ‘ta’ xkora’ msemmija fl-ittra (f) fir-rikors ma tiffurmax parti mill-assi ereditarju in kwistjoni skond ma jiġi dettaljatament pruvat fil-mori ta’ din il-kawza.

3. Illi għar-rigward tal-kap tal-ispejjes għandu jiġi eċepit li għalkemm din il-kawza għandha min-natura tal-“actio familiiae erciscundae’ il-konvenuti

eċċipjenti m'għandhomx ibgħatu l-ispejjes għaliex skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti, l-eċċipjenti kienu dejjem lesti li jaslu għal divizjoni bonarja mal-atturi. Kienet biss l-attriċi Giuseppa Maria Pisani li ppretendiet li ddaħħal f'dan l-assi proprjeta' li ma kienetx tappartjeni lill-istess assi.

4. Illi dak li jingħad fir-rikors promotarju tal-atturi, mill-paragrafi wieħed (1) sa sitta (6) huwa kostanzjalment korrett għajr li għandu jiġi preċiżat li l-wirt ta' Michele Grech li miet fis-26 ta' Awwissu 1991 m'huwiex ġjaċenti iżda l-eredita tal-imsemmi Michele Grech ġiet aċċettata mill-kontendenti inklużi l-atturi nnfishom.

5. Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar dak li jingħad fil-paragrafu sebgħa (7), għajr li jirriżulta li r-raba' "Ta' Xkora" ġiet imħollija lill-konvenut Joseph Micallef minn missierhu Carmelo Micallef permezz tat-tieni artikolu tat-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru 1961, atti Nutar Dottor John Busuttil. Carmelo Micallef fl-ewwel (1) ta' Jannar 1962 u minn dak inhar sal-lum ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dan il-laxxitu.

6. Tant hu hekk illi permezz ta' ċitazzzjoni numru 115/1981 fl-ismijiet "Joseph Micallef vs John Micallef et" l-attur kien ħarrek lil ħuthu nklużi l-attur sabiex jiġi immesss fil-pusses tal-imsemmi legali. Fil-mori tal-kawża ntlaħaq ftehim u fil-fatt il-kawża ġiet ċeduta permezz ta' nota ppresentatat fid-19 ta' April 1982 wara li l-konvenuti f'dik il-kawża nkluż l-attur odjerni kienu resqu għall-att ta' immissjoni fil-pussess tal-istess biċċa art fl-atti tan-Nutar Emmanuel George Cefai tas-17 ta' April 1982.

7. Illi għalhekk kontra kull pretenzjoni għall-propjeta' tal-imsemmi illum hemm ta' ostakolu sew il-preskrizzjoni deċemali kemm għal dak li jirrigwarda il-'petitio hereditas' u kemm għal dak li jirrigwarda trasferiment bil-'justus titulus' u l-'bona fides' kif ukoll dik trentennali. Għalhekk kull pretenzjoni li l-art "ta' Xkora" għandha tidħol fil-wirt ta' Suor Maria Rosa Grech hija għal kollox infondata.

8. Illi l-esponenti kienu dejjem lesti li jaslu mal-atturi f'diviżjoni bonarja mhux tal-assi ereditaja 'de quo agitur' iżda tal-assijiet kollha li għadhom in komuni bejniethom. Għaldaqstant ma għandhom ibatu ebda spejjeż għal din il-kawża.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tad-9 ta' Ottubru 2008, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2010.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu 2008 fejn ħatret lill-A.I.C. Joseph Mizzi sabiex jirrelata dwar il-fondi in diviżjoni.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess l-espert ppresentata fis-7 ta' Mejju 2012 u minnu maħlufa fil-5 ta' Ottubru 2012.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-liċitazzjoni tal-proprjetajiet immobiljarji ndikati fir-Rikors ġuramentat provenjenti lill-kontendenti mill-wirt tal-mejta Suor Maria Rosa Grech, li tagħha huma lkoll eredi. Il-konvenuti għalkemm ma opponewx il-liċitazzjoni *ut sic*, ma qablux li r-raba msejjħa "ta' Xkora" tal-kejl ta' ċirca siegħ u sitt kejliet indikata fil-partita (f) fl-għaxar paragrafu tar-Rikors tal-atturi għandha tiġi nkluża f'din il-liċitazzjoni. Dwar din il-kwistjoni, permezz tas-sentenza *in parte* tagħha hawn fuq indikata, kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, ġie deċiż favur il-konvenuti li din l-art ma kellhiex tiddaħħal fil-liċitazzjoni, għax tassew ma kienitx tifforma parti mill-assi ereditaji tad-decujus.

Dwar il-kwoti spettanti lill-kontendenti minn din l-eredita' ma kien hemm ebda kontestazzjoni. Kif dikjarat fir-Rikors ġuramentat: "…l-eredita' ta' Suor Maria Rosa Grech

għandha tiġ diviża inkwantu għal kwint kull wieħed fir-rigward tal-eredi ta’ Francesca Gatt nee’ Grech, l-eredi ta’ Giuseppe Grech, l-eredi ta’ Francesco Saverio Grech u l-eredi ta’ Michele Grech u inkwantu għal wieħed minn disgħa ta’ kwint (1/9 ta’1/5) fir-rigward ta’ Giuseppa Maria Pisani, Carmelo Micellef, Francis Saviour Micallef, Joseph Micallef, John Micallef, Anton Micallef, Michelangelo Micallef, Caterina mart Emanuel Grima, u Anastasia mart Frank Saliba kull wieħed u waħda minnhom.

Fil-mori tas-smiegħ ta’ din il-kawza il-proprjeta’ ndikata fil-paragrafu 10 partita (e) tar-Rikors ġuramentat ġiet mifdija,[1] u għalhekk, wara s-sentenza *in parte* tagħha, kif konfemata fl-Appell, baqa’ in komun bejn il-kontendenti l-beni deskritti fil-partiti (a),(b) (ċ) u (d) tal-istess paragrafu.

Il-perit tekniku l-A.I.C, Joseph Mizzi kkonferma li l-immobbli in diviżjoni mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant komproprjetarji u għalhekk qabel li dawn għandhom jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni.[2]

Il-biċċa raba deskritta fil-partita (a) tal-paragrafu 10 tar-Rikors ġuramentat ġiet stmata mill-perit tekniku, tal-valur ta’ elf seba’ mija ħamsa u erbgħin euro (€1745);[3]

Il-biċċa raba deskritta fil-partita (b) tal-paragrafu 10 ġiet stmata mill-perit tekniku, tal-valur ta’ tlett elef euro (€3000);[4]

Il-biċċa raba deskritta fil-partita (ċ) tal-paragrafu 10 ġiet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta’ elf sitt mija u tmienja u tletin euro (€1638);[5] u

Il-biċċa raba deskritta fil-partita (d) tal-paragrafu 10 ġiet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta’ elf tmien mija u tletin euro (€1830).[6]

---

[1] Ara kopja taċ-ċedola ta’ depożitu relattiva,esebita a fol. 344 tal-proċess
[2] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 325 - 326 tal-proċess
[3] Ara paragrafu nru.3 fl-istejjem magħmula mill-perit tekniku a fol. 326 tal-proċess
[4] Ara paragrafu nur, 2 fl-istejjem magħmula mill-perit tekniku a fol.326
[5] Ara paragrafu nru.1 fl-istejjem magħmula mill-perit tekniku a fol. 325 -326
[6] Ara paragrafu 4 fl-istejjem tal-perit tekniku a fol.326

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi għall-bejgħ in liċitazzjoni bl-ammissjoni ta’ oblaturi barranin tal-beni mmobbli indikati fil-partiti (a), (b), (ċ) u (d) tal-paragrafu għaxra (10) tar-Rikors ġuramentat, provenjenti lill-kontendenti mill-eredita ta’ Suor Maria Rosa Grech fi kwoti ndiviżi bejniethom, u dana sabiex ir-rikavat, wara li jinqatgħu l-ispejjeż, jinqsam bejniethom skond il-kwoti ndikati fl-istess Rikors ġuramentat.

L-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti ta’ l-Appell bis-sentenza tagħha tat-2 ta’ Marzu 2010, ikunu a karigu tal-kontendenti kollha, kullħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu minn din l-eredita’.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------